be HOLD

# Armonija

Kliem: Fr Pierre Bonnici mssp Muzika: Fr Karm Debattista mssp

```
Em                              C
Arah fil-bard qalil tal-lejl jistenna
   D                                   G
Ifittex post 'il bogħod mid-dlam u l-ksieħ
    B7                               Em
Kulfejn iħabbat m' hemmx ħlief djar mimlija
     Am               C           D    B7
Il-qalb tal-bniedem qisha nsiet kif tħenn

Em                               C
Arah għaddej mit-triq bid-dwal imżejna
    D                          G
Presepji u pasturi hemm f' kull dar
      B7                         Em
Minn ġewwa ħiereġ kant u daqq ferrieħi
     Am             C               D
'Ma dawl u daqq għalih ma jfisser xejn

      G                           G     Bm
Ma jridx jisma' l-kant sabiħ ta' l-anġli
      C             Am                D
Ma jridx l-istilla ssebbaħ b' dawlha l-lejl
   G                 D            Bm Em
Irid jgħix qalb nies jgħixu f' armonija
   C         Am          D
Irid isib li qalbek taf tħobb
   C         D           G
Irid isib li qalbek taf tħobb

Il-ksieħ li llum iħoss mhux ksieħ ix-xitwa
Id-dlam li hemm madwaru mhux tal-lejl
Il-ksieħ li ġej minn qlub kiesħa rħama
Id-dlam, nuqqas ta' dawl minħabba d-dnub

Tibżax, ħallih jistkenn mill-bard f' qiegħ qalbek
Kebbislu ħalli jisħon f' qalbek nar
Ħa jiddi sakemm jisboq dawl il-kwiekeb
Mal-bnedmin ħutek għanni paċi fl-art
```

